**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Adil Fila**

**Kumpilazzjoni Nru. 412/2025 AC**

**Illum, il-21 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Adil Fila** ta' ħamsa u għoxrin sena (25) sena, ta' nazzjonalita' Franċiża, imwieled ġewwa Pontault Combault, Franza, iben Jawed Fila u Fatema Zarah Zaoui, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-Karta tal-Identita' Franċiża bin-numru 210393156528, li f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien akkużat talli nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' filgħodu (03:00) u l-ħamsa ta' filgħodu (05:00) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa x-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkometta serq ta' mowbajl tal-għamla *iPhone* u mija u sebgħin ewro (€170) fi flus kontanti għad-detriment ta' **Seifeddine Largat**, liema serq huwa kwalifikat bil-**vjolenza**, **ħin** u **valur**, liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. Volontarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' **Seifeddine Largat**;

3. Ħa parti attiva fi ġlieda aċċidentali bil-konsegwenza ta' offiża ħafifa kontra **Seiffedine Largat**;

4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-detriment ta' **Seifeddine Largat**, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt (2500) ewro iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin (250) ewro;

5. Ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil **Seifeddine Largat**.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni oħra wara, din il-Qorti tikkundanna lill-ħati għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skont kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, din il-Qorti tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull Artikolu ieħor tal-Liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Għassa nhar id-9 ta' Mejju 2025, u l-Uffiċjali Prosekuturi l-Avukat Dr. Martina Muscat għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Darryl Farr u l-Ispettur Rodrick Attard għall-Kummissarju tal-Pulizija qraw u kkonfermaw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

[1] Ara l-imputazzjonijiet hekk kif maħlufa a fol 1 *et seq* tal-proċess, kif ukoll il-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess

Rat illi fl-istess seduta[2] il-Prosekuzzjoni infurmat lil din il-Qorti li l-imputat ma jifhimx bl-ilsien Malti iżda jifhem bl-ilsien Franċiż, u li din il-Qorti appuntat lil Dounia Borg bħala interpretu mil-lingwa Maltija għal dik Franċiża u viċe versa;

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[3], wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ippruvati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dawn il-proċeduri jkunu trattati b'mod sommarju[4];

---

[2] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess
[3] Ara a fol 9 tal-proċess
[4] Ara Dok DF1 a fol 10 tal-proċess

2. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/2872/2025[5];

3. Ċertifikat Mediku a favur **Seifeddine Largat** datat it-3 ta' Mejju 2025 maħruġ mit-Tabib Dr. David Borg (MR: 4552)[6];

4. Envelope abjad kontenenti l-Karta tal-Identita' Franċiża tal-imputat[7];

5. Kopja tal-Karta tal-Identita' Franċiża tal-imputat (immarkata bħala Dok DF4)[8];

6. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fit-8 ta' Mejju 2025[9];

7. CD kontenenti l-Istqarrija Awdjo-Viżiva tal-imputat[10];

8. *Proof of Payment* għad-danni sofferti[11].

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2025;
Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

<u>**Ikkunsidrat:**</u>

L-imputat f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien mixli talli nhar l-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' filgħodu (03:00) u l-ħamsa ta' filgħodu (05:00) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa x-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

---

[5] Ara Dok DF2 a fol 11 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok DF3 a fol 16 tal-proċess
[7] Ara Dok DF4 a fol 17 tal-proċess
[8] Ara Dok DF5 a fol 18 tal-proċess
[9] Ara Dok DF6 a fol 19 tal-proċess
[10] Ara Dok DF7 a fol 20 tal-proċess
[11] Ara Dok TBS1 a fol 21 *et seq* tal-proċess

1. Ikkometta serq ta' mowbajl tal-għamla *iPhone* u mija u sebgħin ewro (€170) fi flus kontanti għad-detriment ta' **Seifeddine Largat**, liema serq huwa kwalifikat bil-**vjolenza**, **ħin** u **valur**, liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. Volontarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' **Seifeddine Largat**;

3. Ħa parti attiva fi ġlieda aċċidentali bil-konsegwenza ta' offiża ħafifa kontra **Seiffedine Largat**;

4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-detriment ta' **Seifeddine Largat**, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt (2500) ewro iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin (250) ewro;

5. Ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil **Seifeddine Largat**.

Li minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għal dawn l-imputazzjonijiet, u wara li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jirrinkwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[12], li jfisser li l-Qorti tkun frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji

[12] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef

sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u konsegwentement, l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-istadju tal-preżentata meta tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti bħala Qorti tal-Għassa;

2. Il-Fedina Penali netta tal-imputat;

3. In-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat, u ċioe' serq aggravat bil-vjolenza, bil-ħin u bil-valur għad-detriment ta' **Seifeddine Largat**, flimkien m'offiża volontarja ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-istess **Seifeddine Largat**; li kellu parti attiva fi ġlieda aċċidentali li kellha l-konsegwenza t'offiża volontarja fuq il-persuna ta' natura ħafifa; ħsara volontarja għad-detriment tal-istess **Seifeddine Largat**; kif ukoll il-kontravenzjoni li ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel il-ħsara fuq il-persuna ta' **Seifeddine Largat**, u l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet;

4. Dak dikjarat mill-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2025[13], li fiha l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-prezz totali tal-*mobile* misruq kien ta' €759, u l-ammont ta' flus kontanti misruqa kien ta' €170, li għalhekk ifisser li l-ammont totali dovut huwa ta' €929, u d-dikjarazzjoni tad-Difiża li ammont imsemmi rappreżentanti r-*res furtiva* kien saldat fl-istess seduta u dan skont dak li jirriżulta mill-*Proof of Payment* esebita fl-atti bħala Dok TBS1[14], kif ukoll dak propost mill-partijiet waqt it-trattazzjoni finali dwar piena potenzjali ta' sentenza ta' priġunerija sospiża;

Tenut kont dawn il-fatturi kollha u taċ-ċirkostanzi odjerni, din il-Qorti tibda biex tosserva li filwaqt li huwa minnu li m'hija bl-ebda mod marbuta sabiex teroga l-piena proposta mill-partijiet waqt it-trattazzjoni tagħhom, f'dan l-istadju wieħed jista' potenzjalment jara li piena ta' sentenza sospiża tkun idoneja għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, speċjalment

---

Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

[13] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 3 *et seq* tal-proċess

[14] Ara a fol 21 *et seq* tal-proċess

peress li l-imputat għażel li jirreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, il-Fedina Penali netta tiegħu, u l-fatt li l-ammont f'dannu dovut lill-*Parte Civile* kien saldat fl-istess seduta meta tressaq b'arrest nhar id-9 ta' Mejju 2025;

Pero' qabel ma tgħaddi sabiex tara x'tip ta' piena għandha tkun erogata, din il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikoli relevanti għall-kalibrar tal-istess piena, b'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 274(ċ) u l-Artikolu 277(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li *ai fini* ta' kompletezza, ser ikunu riprodotti hawn taħt:

***"274. Il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' offiża fuq il-persuna jeħel –***
***"(ċ) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin;"***

***"277. Meta s-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skont l-artikoli 274, 275 jew 276, ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra msemmijin fl-artikolu 261, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –***

***"(a) jekk dan is-serq ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed minn dawk il-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-mezz, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A, illi ma tingħatax fil-minimum tagħha;"***

Minn eżami ta' dawn l-Artikoli, li huma applikabbli b'mod partikolari għall-ewwel imputazzjoni, u ċioe' dak tas-serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u bil-ħin, *stante* li l-piena imsemmija ma tistax tingħata fil-*minimum*, hemm bżonn li tkun kalibrata skont il-provvedimenti tal-Artikolu 20 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk:

***"20. Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, <u>il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum</u>[15];"***

[15] Enfasi ta' din il-Qorti

Peress li minn kif jingħad fl-Artikolu sopraċitat, il-piena erogata għandha dejjem tinkludi għall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum* tal-piena oriġinali (li f'dan il-każ hija ta' bejn sentejn u ħames snin), wieħed jista' faċilment jara kif tinħoloq problema f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-piena ta' sentenza sospiża, speċjalment meta jittieħdu in konsiderazzjoni l-provvedimenti tal-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

***"28A. (1) Bla ħsara għas-subartikoli (2) sa (7) u l-artikoli 28B sa 28I, qorti li tagħti sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' <u>mhux iżjed minn sentejn</u>[16] għal reat tista' tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perijodu li jiġi speċifikat fl-ordni, li ma jkunx ta' inqas minn sena jew ta' iżjed minn erba' snin mid-data tal-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ; u f'dan l-artikolu u kull fejn tinstab fl-artikoli 28B sa 28G u fl-artikolu 28I "il-perijodu operattiv", dwar sentenza sospiża, tfisser dak il-perijodu hekk speċifikat."***

Dan għaliex peress li l-*minimum* tal-piena applikabbli għall-ewwel imputazzjoni huwa ta' sentejn, li minnu nnifsu jiġi l-massimu *ai fini* tal-applikazzjoni tal-Artikolu sopraċitat, tenut kont id-dettami tal-Artikolu 274(ċ), l-Artikolu 277(a), u l-Artikolu 20 tal-Kap. 9 imsemmijin aktar 'il fuq, isegwi li l-piena applikabbli tmur *oltre* l-parametri tal-Artikolu 28A(1) tal-istess Kapitolu, u dan minkejja li din il-Qorti kienet tkun propensa li teroga piena ta' sentenza sospiża. Għaldaqstant, hija kostretta li tapplika piena li jippermettu l-parametri tal-Liġi fil-konfront tal-imputat, u ċioe' dik ta' priġunerija effettiva.

<u>**Decide:**</u>

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 20, l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 237(d), l-Artikolu 261(a), l-Artikolu 261(ċ), l-Artikolu 261(f), l-Artikolu 262(1)(a), l-Artikolu 262(2), l-Artikolu 267, l-Artikolu 270, l-Artikolu 274(ċ), l-Artikolu

[16] Enfasi ta' din il-Qorti

277(a), l-Artikolu 279(a), l-Artikolu 280(2), l-Artikolu 281(a), l-Artikolu 325(1)(b), u l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, issib lill-imputat Adil Fila ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għall-piena ta' sitta u tletin (36) xahar priġunerija effettiva;**

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-imputat il-provvedimenti tal-Artikolu 15A u l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew kwalunkwe Artikolu ieħor tal-Liġi sabiex tiżgura kumpens u/jew restituzzjoni tad-danni sofferti, din il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-ammont ta' danni sofferti kienu restitwiti fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2025;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Adil Fila** l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma kien inkarigat l-ebda espert fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**